MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 244/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. Cassar)**
**Vs**
**Marvin Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Lulju, 2005, għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u l-ħdax ta' filgħodu, fil-Bajja ta' l-Għadira tal-Mellieha,
1. ikkommetta serq ta' mobile phone Nokia għad-dannu ta' Sinead Marie Caruana, liema serq huwa aggravat bil-valur;

2. fl-istess data' ħin u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer xjentement laqa' għandu u / jew xtara ħwejjeġ misruq, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' mobile phone tal-marka Nokia li għandu valur ta' mija u tletin lira

Maltija (Lm130) għad-dannu ta' Sinead Marie Caruana;

3. sar reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Micahel Mallia LL.D. nhar it-13 t'Ottubru, 2004, li hija definittiva u li ma tistax tiġi mibdula;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostnzi kiser il-kundizzjonijeit li ġew imposti fuqu b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr.Anthony Micallef Trigona LL.D. nhar it-22 ta' Lulju 2003.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 17(b), 37, 49 u 50, 261 (c), 267, 279(a), 41(1)(a), 42(d), 316(b) u l-artikolu 23 tal-Kap. 446, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni waqt li ma haditx konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din hija biss alternattiva ghall-ewwel wahda w ikkundannatu ghal perjodu ta' seba' (7) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu tad-dikjarazzjoni ta' htija w in kwantu ghad-dikjarazzjoni fir-rigward tat-tieni akkuza fejn l-Ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni taghha, tvarjaha in kwantu l-piena, billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghal l-istess piena, piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma limitati ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Li skond ir-rapport tal-*probation officer* l-appellant irrejalizza li ma jistax ikompli bil-hajja tieghu w li hemm bzonn li jaghmel xi haga fis-sod. Li l-Qrati diversi drabi accettaw li jekk ikun hemm *"window of opportunity"* din ghandha tinghata anki lil min ikun recidiv

plurimu. Li l-istitut tal-*probation* ghandu japplika kemm ghal nies maturi kif ukoll ghall-kriminali ta' eta' zaghzugha. Li llum il-principju ta' *"crime does not pay"* ma ghadux japplika ghax ghamel zmienu w li ghandu jsir tentattiv biex issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u li jkun hemm possibilita' li dak li jkun jigi riformat u jikkonvinci ruhu illi ghanda jsegwi t-triq it-tajba.

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi trattandosi ta' appell fuq il-piena, kif gie dejjem ritenut, din il-Qorti ma ghandhix tiddisturba id-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti sakemm il-piena tkun taqa’ entro il-parametri dettati mill-ligi u ma tkunx manifestament sproporzjonata. Certament li f' dan il-kaz, konsidrata l-fedina penali ultra refrattarja tal-appellant, ir-recidiva u l-kommissjoni ta' reat waqt il-periodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata, l-piena ma kienetx sproporzjonata, anzi kienet wahda miti zzejjed.

Illi bir-rispett kollu ghall-opinjoni tal-probation officer li l-appellant fehem li ghandu jirriforma, din il-Qorti tara li din il-"*forlorn hope"* kif jghidu lnglizi ma tidhirx li hi sorretta minn xi fatti konkreti u hi biss speranza li dawn il-Qrati ta' sikwiet qed jiltaqghu maghha fil-*"pleas in mitigation of punishment" .* Jigri ta' spiss li wara l-Qrati jergghu jaghtu l-opportunita' lill-hati li jieqaf mill-hajja kriminuza tieghu bla ma japplikaw is-sanzjoni penali, dak li jkun jerga' jikkommetti delitti hafna drabi aktar gravi minn dawk li jkun qed jirrispondi ghalihom quddiem il-Qrati li jkunu tawh l-opportunita'. Il-Qorti trid ghalhekk tibbilancja l-isperanza li l-hati jirrijabilita' ruhu mal-htiega impellenti li s-socjeta' tigi protetta minn elementi kriminali, li bl-agir taghhom jaghmlu l-hajja tal-vittmi taghhom mizerabbli.

F' dan il-kaz l-appellant kien gja nstab hati ta' komplicita' f' tentattiv t' incendju doluz ta' villa w gie liberat kondizzjonatament ghal tlitt snin fit-22 ta' Lulju, 2003. Sentejn wara pero' kkommetta d-delitt mertu ta' din il-kawza. Fil-frattemp ukoll ikkommetta reat ta' serq ta'

karozza bil-hsieb li jaghmel uzu minnha w reati ohra tat-traffiku w l-Qorti kkunndannatu biss ghall-multa. Mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li fil-mori tal-kawza hu rega’ nstab hati tlitt darbiet ta’ reati kommessi minnu mid-data tar-reat dedott f’din il-kawza ‘l hawn.

Illi l-Ewwel Qorti ikkonsidrat kemm l-ammissjoni bikrija tal-appellant kif ukoll ir-restituzzjoni tal-mobile phone misruq kif ukoll ir-rapport tal-probation officer u xorta wahda waslet ghall-konkluzzjoni li ghandha tapplika l-piena karcerarja effettiva. F' dan il-kaz ma jistax japplika l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali stante r-recidiva w din il-Qorti tista' biss terga taghti liberazzjoni kondizzjonata jew tpoggi lill-appellant taht *probation.* Din il-Qorti pero' wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tal-appellant, ma tarax ghaliex ghandha tvarja din is-sentenza w konsegwentement qed tirrespingi l-aggravji dedotti mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------